


# Il-knisja tal-Lunzjata ġewwa l-Gudja

minn Martin Gravina

Il-kult Marjan fil-gżejjer tagħna huwa qadim ħafna tant li fl-1436 fid-dokument importanti *Quinterniolus pro Concordia taxarum* li jissemma ħafna fl-istorja tal-Isqof ta' Malta Senatore de Mello (1432-1445) erba' mill-għaxar kappelli li kienu diġà qed iservu l-ħidma ta' parroċċa, kienu ddedikati lil xi titlu Marjan. Flimkien ma' numru ta' knejjes żgħar li kienu jeżistu f'pajjiżna u li kellhom titlu Marjan, jidher biċ-ċar li fis-seklu ħmistax kien iż-żmien meta nxterdet ħafna l-qima lejn il-Madonna. Ma naqasx ukoll li dan il-kult Marjan kien ukoll fir-raħal tal-Gudja f'diversi modi bħal bini ta' knejjes, altari, pittura, statwi u niċeċ fit-toroq ta' dan ir-raħal, festi u tradizzjonijiet li għaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Wieħed mill-kult Marjani kien dak lejn il-Lunzjata, infatti f'Malta nsibu li fl-1575 kien hawn numru mhux ħażin ta' knejjes iddedikati lil-Lunzjata, u aktar tard mill-1601 kienu mwaqqfa numru ta' altari ddedikati għal dan it-titlu. Ħarsa lejn il-vista pastorali ta' Monsinjur Duzina li kien għamel fit-8 ta' Frar 1575 insibu li fir-raħal tal-Gudja kien hemm żewġ knejjes iddedikati lil-Lunzjata u oħra (li mhix imniżżla) kienet xi tliet kilometri 'l bogħod mill-Gudja.

Din tal-aħħar kienet tinsab fil-post magħruf Ta' Dorbes qalb ir-raba' viċin l-inħawi magħrufa bħala Tal-Għajn. Hija kienet ġiet ipprofonata fl-1659 u





l-pittura titulari tagħha kienet ġiet ittrasferita fil-Knisja Parrokkjali.

Fl-1575 kien hemm ukoll knisja oħra ddedikata lil-Lunzjata magħrufa bħala Tal-Misraħ. Il-bini tagħha kien imiss ma' żewġ knejjes oħra u li meta ġew biex jibnu il-knisja parrokkjali li naraw illum, dawn it-tlieta kienu mħatta.

Il-knisja l-oħra li hija imsemmija fil-vista pastorali ta' Monsinjur Duzina hija dik li llum insibu fit-Triq Santa Marija li dejjem kienet magħrufa bħala 'Il-Lunzjata l-Kbira'. F'din il-vista pastorali din il-knisja kienet deskritta bħala l-knisja prinċipali tar-Raħal tal-Gudja. Intqal ukoll li kellha l-bżonnijiet bażiċi u li magħha kien hemm knisja oħra ddedikata lit-twelid tal-Madonna. Meta tlesta l-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida tal-Gudja, hija ma baqgħetx isservi aktar bħala l-knisja prinċipali ta' dan ir-raħal. Qrib l-1636 din il-knisja kienet imkabbra, imma aktar tard twaqqgħet u t-tielet knisja nbniet minflokha fl-1754.

Il-prokuratur tagħha kien is-saċerdot Gudjan Dun Ġwann Barbara li hu stess għamel tajjeb minn flusu kif ukoll minn ġbir ta' flus min-nies devoti ta' dan ir-raħal għall-bini ta' din il-knisja. Din il-Knisja kienet tbierket nhar is-6 t'April 1755, Ħadd wara l-Għid mill-kappillan tal-Gudja Dun Ġwann Pawl Balzan, bil-permess tal-Isqof Alpheran De Bussan.



min kien l-arkittet ta' din il-knisja, u lanqas l-imgħallem tagħha, mingħajr dubju kienu tal-affari tagħhom għax id-dettalji huma magħmulin bir-reqqa kollha li titlob l-arti u s-sengħa tal-arkitettura.

L-altar ewlieni huwa tal-irħam magħmul fl-1873 u kienet ħallset għalih u kienet tieħu ħsieb għall-manutenzjoni tiegħu Anġelika Asphar li kienet waħda mill-benefattriċi li kellha din il-knisja. Fil-prospettiva tal-altar maġġur insibu dekorazzjoni b'disinji artistiċi b'żebgħa tal-ilma u li kienet tpittret mid-ditta Massa ta' Birkirkara. Din saret għall-bidu tas-seklu għoxrin. It-titular ta' din il-Knisja jirrappreżenta it-tħabbira lill-Madonna mill-Arkanġlu Gabriel. Din il-pittura li qiegħda f'gwarniċ skulturat tal-ġebel saret ġewwa Ruma fl-1871 mill-pittur Taljan Giovanni Gagliardi.

Fuq kull naħa ta' din il-knisja insibu altar. Dak tal-lemin hemm fuqu niċċa bi statwa tal-injam tal-Madonna tar-Rużarju maħduma mill-iskultur Antonio Chircop filwaqt fuq l-artal l-ieħor naraw niċċa bi statwa tal-kartapesta ta' San Ġużepp skola ta' Karlu Dramanin.

## Il-knisja minn barra

Fil-faċċata tal-knisja wieħed jista' jinnota pilastri maħduma bl-ordni Doriku, filwaqt fuq il-bieb ewlieni naraw tieqa kbira ornamentali fuq stil Barokk. Il-kampnar u l-opramorta saru fl-1912 filwaqt l-istatwi tal-ġebel li naraw fuq l-opramorta (Sant'Anna u San Ġwakkin) kif ukoll l-Arkanġlu Gabriel li naraw fil-parti ta' fuq tal-kampnar huma xogħol ta' Antonio Zammit miż-Żurrieq. Waħda mill-qniepen li nsibu fil-kampnar hija xogħol ta' Salvatore Cauchi fl-1864.

## Il-Knisja minn ġewwa

Din il-Knisja għandha binja forma ta' salib Grieg, iddisinjata bl-ordni arkitettoniku Doriku. L-istruttura hi mtellgħa fuq erba' pilastruni, li minnhom tiela' saqaf troll nofs tond minn fuq il-gwarniċun. F'kull kantuniera ta' kull pilastru telgħin il-lunetti li fuqhom tistrieħ koppla li għandha anterna bi twieqi tawwalin li jipprovdu d-dawl naturali għal ġol-knisja.

Il-proporzjonijiet arkitettoniċi tagħha huma tajbin ħafna u għalkemm s'issa għad mhux magħruf

F'din il-knisja nsibu wkoll żewġ pitturi ovali, kopji ta' skola franċiża tas-seklu XVIII; waħda tirrappreżenta t-twelid ta' Ġesù Bambin, u l-oħra l-mewt ta' San Ġużepp. Insibu ukoll sett ta' inċiżjonijiet tal-Via Sagra maħdumin fl-1780 minn Leopardi u Lorenzo Bordi ta' Firenze.

Il-paviment huwa tal-madum, u fl-art hemm sitt lapidi t'oqbra li oriġinalment kienu fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja u li kienu nġiebu u tqegħdu f'dan il-post fl-1951. Lejn tmiem is-sena 2005 saret l-ewwel fażi tar-restawr fuq barra ta' din il-Knisja.

Kull sena, il-festa tal-Lunzjata tkun iċċelebrata f'din il-Knisja nhar it-tieni Tnejn wara l-Għid il-Kbir, fejn hija tkun armata bid-damask, filwaqt li l-altari jkunu mżejna b'dak kollu xieraq għal din l-okkażjoni.

Referenzi:
Marian devotions in the islands of St. Paul (1600 – 1800) edited by Vincent Borg A.A. Vis. Past. XXXVII.
Descrizione Storica Delle chiese di Malta e Gozo. Achille Ferres 1866 First Edition. Facsimile Edition 1985.
Arkivju Parrokkjali: Libro della chiesa figliale sotto titolo dell'Annunziata Gudia 1862 -1958
Programm festa Santa Marija - Gudja 1991. Kitba ta' Angelo Dougall